

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Divorzju U Separazzjoni Legali](#) > Malta

Divorzju u separazzjoni legali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Biex jinkiseb divorzju għewwa Malta, irrid ikun hemm talba taż-żewġ persuni miżżewġa flimkien jew fuq talba ta' waħda mill-miżżewġin kontra l-persuna l-oħra. Fid-data li jibdwu il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu jridu għexu mhux flimkien għal perġodu ta', jew perġodi li jammontaw għal, mill-anqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih qabel ma ssir it-talba, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali. Ma' dan il-Qorti trid tkun sodisfatta li ma hemm l-ebda prospett raġonovoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin. Kundizzjoni oħra hija li fejn hu dovut, il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, iżda dan id-dritt għall-manteniment jista' jiġi irrinunzjat mill-partijiet f'kull żmien. Divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jgħib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi. Wieħed għandu jinnotta li ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

Il-liġi ma tagħmilx referenza għal x'jistgħu jkunu r-raġunijiet tad-divorzju. Iżda kif ġa ingħad taħt il-mistoqsija tal-kundizzjonijiet, fid-data li jibdwu il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin iridu jkunu għexu mhux flimkien għal perġodu ta', jew perġodi li jammontaw għal, mill-anqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih qabel ma' ssir it-talba, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jgħib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi. Il-liġi ta' separazzjoni tapplika fil-kwistjoni ta' kunjomijiet u allura, il-mara tista' wara s-separazzjoni tagħżel li tirreverti għal kunjom xsubitha iżda din l-għażla għandha ssir b'dikjarazzjoni fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f' 'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-mara għandha tagħmel dik id-dikjarazzjoni b'nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza. Bil-pronunzjament tad-divorzju l-effetti kollha ċivili u l-obbligu tal-partijiet li jgħixu flimkien jispiċċa. Ma' dawn jispiċċaw ukoll id-drittijiet tal-miżżewġin għas-suċċessjoni ta' xulxin, b'effett minn dak inhar meta d-digriet jew sentenza ta' divorzju jkunu saru *res judicata*.

3.2 il-qsim tal-proprietà tal-konjuġi

Divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jgħib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom. L-Artikolu 66D (5) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta jgħid li meta l-propjeta tal-miżżewġin tkun regolata permezz tal-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Il-pronunzjament tad-divorzju m'għandu l-ebda effett fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet bħala ġenituri fuq uliedhom jew fuq kull ftehim li jkun intlaħaq bejn dawk il-partijiet dwar il-kustodja ta' uliedhom. Iżda fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tiegħu l-kustodja ta' l-ulied minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti. Il-manteniment favur il-minorenni jibqa' in forza u dawn sakemm jagħlqu l-eta ta' tmintax u f'każ li l-wild ikompli jistudja, il-manteniment jibqa' għaddej sa l-eta ta' tlieta u għoxrin sakemm ma jkunx hemm ftiehem mod ieħor.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jgħib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom. Għalhekk, l-obbligu tal-manteniment ma jitneħħix bid-divorzju sakemm il-partijiet ma jiddeċidux mod ieħor. Fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju, il-qorti tista', fuq talba tal-parti illi matul is-smiġħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Din it-talba tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.

Fejn issir talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti minn wieħed mill-miżżewġin, jew miż-żewġ miżżewġin li jkunu qablu li jirrikorru għad-divorzju, u fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, qabel ma l-qorti tagħti l-awtorizzazzjoni biex il-miżżewġin jipproċedu għad-divorzju, il-qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur li jkun maħtur minnha jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet u dan bil-għan li jsir tentattiv ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin. Jekk dik ir-rikonċiljazzjoni ma ssejjaħ, u l-partijiet ma jkunux diġà qablu bejniethom dwar il-pattijiet tad-divorzju, il-medjatur jgħin lill-partijiet biex jaslu għad-divorzju fuq bażi ta' qbil. Dan il-qbil għandu jkun dwar xi wħud, jew il-pattijiet kollha, minn dawn li ġejjin:

- il-kura u l-kustodja tal-ulied;
- l-aċċess taż-żewġ partijiet għall-ulied;
- il-manteniment tal-miżżewġin, jew ta' parti waħda minnhom, u ta' kull wild;
- ir-residenza fid-dar konjugali;
- id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

Separazzjoni ġudizzjarja tirreferi għal meta waħda mill-miżżewġin tiftaħ kawża kontra l-parti l-oħra taż-żwieġ u l-Qorti tagħti sentenza fuq id-drittijiet u l-obbligi li miżżewġin għandhom meta jkunu legalment separati.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

Il-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja hija waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Adulterju;
- Attijiet ta' vjolenza domestika;
- Eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu;
- Il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment;
- Abbandun

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

Rigward manteniment, il-parti li kontra tagħha tinqata s-separazzjoni għandha l-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra kif ukoll ta' l-ulied sakemm jagħlqu l-eta ta' tmintax u f'każ li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena. L-ammont dovut lill-parti l-oħra u lill-ulied jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:

- il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom;
- xi diżabbiltà, kemm jekk hija fiżika jew mentali;
- ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapaċità tal-miżżewġin jew ta' l-ulied
- li jmantnu lilhom infushom;
- jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;
- kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi;
- il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;
- l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser tiflew l-oportunità jew il-possibbiltà li tikseb bħala riżultat tal-firda.

Id-dar taż-żwieġ tista tingħata mill-qorti fuq talba ta' waħda mill-partijiet lil xi parti, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt daww il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa, jew li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xierqa, jew fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert.

Meta tagħti s-sentenza ta' separazzjoni, il-qorti għandha tordna lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied. Iżda fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tiegħu l-kustodja ta' l-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti.

Il-mara tista' wara s-separazzjoni tagħżel li tirreverti għal kunjom xubitha iżda din l-għażla għandha ssir b'dikjarazzjoni fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f' 'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-mara għandha tagħmel dik id-dikjarazzjoni b'nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza.

Fir-rigward ta' terzi, is-separazzjoni personali ma għandha ebda effett kontra tagħhom ħlief minn dak in-nhar li s-sentenza jew il-kuntratt, skont il-każ, jiġu mniżżla fir-Reġistru Pubbliku.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Annullament taż-żwieġ jfisser li ż-żwieġ m'għandux effett. Dan iż-żwieġ jiġi ddikjarat null.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Iż-żwieġ ikun null:

- jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità jew ta' xi ħtieġa oħra simili dwar iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ jew li ssir bi tfejjija għalih
- jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;
- jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun eskluż minħabba żball fuq l-identità tal-parti l-oħra;
- jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixxkel serjament il-ħajja miżżewġa;
- jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomaliya psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;
- jekk xi waħda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, iżda biss jekk dik l-impotenza tkun teżisti qabel iż-żwieġ;
- jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;
- jekk xi waħda mill-partijiet torbot il-kunsens tagħha ma' kondizzjoni li tirriferi għall-futur;
- jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinholq kunsens għaż-żwieġ;
- jekk iż-żwieġ ma jkunx ġie kunsmat.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwiellu jew ġew konċepiti matul żwieġ li ġie ddikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwiellu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità. Jekk waħda biss mill-partijiet kienet *in bona fide* dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied. Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet *in bona fide* l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwiellu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null. Il-parti responsabbli għan-nullità taż-żwieġ hija obbligata tħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun *in bona fide* għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti *in bona fide* tiżżewweġ matul dak iż-żmien.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Le m'hemmx alternattivi oħra; dan jista' ssir biss permezz ta' rikors.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jiġiharsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Ir-rikors ta' divorzju, ta' separazzjoni ġudizzjarja jew annullament taż-żwieġ ċivili għandu jiġi ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), filwaqt li reġistrazzjoni ta' annullament mogħti mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta għandhu jiġi ppreżentat fil-Qorti ta' l-Appell. Ir-rikors ta' divorzju, separazzjoni u annullament taż-żwieġ ċivili jrid ikun ġuramentat. Ir-risposta għar-rikors trid tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata. Id-dokumenti li jiġu mhemuża vvarjaw skont ta' x'wieħed irrid jipprova. Iżda fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' annullament mit-Tribunal Ekkleżjastiku, wieħed għandhu jannetti kopja tas-sentenzi mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, id-digriet maħruġ mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, id-digriet ta' eżekutivita u ċ-ċertifikat taż-żwieġ.

Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollja għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

12 Nista' ningħata għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva wieħed jista' jingħata għajnuna legali diment li r-rekwiżiti rikjesti mill-Artikolu 912 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jkunu sodisfatti.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Iva huwa possibbli li jkun hemm appell mid-deċiżjoni relatata ma' divorzju, separazzjoni ġudizzjarja jew annullament. Biss wieħed għandu jżomm f'moħħu li digriet għar-reġistrazzjoni ta' annullament mogħti mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta ma jistax jiġi appellat.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Deċiżjoni ta' qorti barranija dwar l-istat ta' persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall-finijiet kollha ta' liġi f'Malta jekk id-deċiżjoni tingħata minn qorti kompetenti tal-pajjiż li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun domiċiljata jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun ċittadin. Biex isir dan wieħed għandu jmur ir-Reġistru Pubbliku (Evans Building, Triq Merkanti, Valletta VLT 2000).

Apparti l-liġi nostrana, tapplika wkoll il-liġi Ewropeja u cioè Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000. Artikolu 22 ta' dan ir-regolament jagħmel referenza għar-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonossiment ta' sentenzi dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali, jew l-annulament taż-żwieġ u cioè:

1. 'Jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonossiment huwa kuntrarju għall-politika pubblika ta' l-Istat Membru fejn ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub;
2. Fejn għe mogħti b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma għex/tx notifikat bid-dokument li stitwixxa l-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jħallu l-konvenut jirranġaw għad-difiża tagħhom flief jekk huwa ddeterminat li l-konvenut aċċetta s-sentenza inekwivokabilment;
3. jekk hija rrekonċiljabbli ma' sentenza mogħtija fi proċedimenti bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih qiegħed jiġi mitlub r-rikonoxximent; jew
4. jekk hija rrekonċiljabbli ma' sentenza mogħtija qabel fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li m'huwiex Membru bejn l-istess partijiet, kemm-il darba s-sentenza li ngħatat qabel tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn huwa mitlub ir-rikonoxximent'.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annulament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Biex jopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju, separazzjoni ġudizzjarja jew annullament, wieħed għandu jmur quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Il-proċeduri applikabbli hija dik ta' Malta ai termini tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħix f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Il-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jkollhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju biss jekk, mill-inqas waħda mill-ħtiġiet li ġejjin tkun sodisfatta:

- mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha d-domiċilju tagħha f'Malta fid-data meta tkun saret it-talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti; jew
- mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha r-residenza ordinarja tagħha f'Malta matul il-perjodu ta' sena, immedjatament qabel ma tkun saret talba għad-divorzju.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 17/12/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.